Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 286/2019

Il-Pulizija

(Spettur Sarah Magri)

Vs

Neil Zammit

Illum 12 ta' Dicembru, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Neil Zammit detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 347297M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli fl-24 ta' Dicembru 2018 ghall-habta ta' 11:12hrs bil-vettura MDB 234 gewwa Triq il-Bandli, Birzebbuga:

(1) Saq vettura bil-mutur jew vettura ohra, minghajr licenza tas-sewqan (Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3))

(2) Saq l-imsemmija vettura waqt li kellu l-licenzja tas-sewqan sospiza u meta kien hekk skwalifikat milli jsuq il-vettura b'sentenza Malta, 20/2/2018, Magt Dr. F. Depasquale LL.D.

(3) Ikkommetta reat li hu punibbli bi prigunerija waqt il-perjodu attiv tas-sentenza sospiza imposta fuqu datata 20/2/2018 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magt Dr. F. Depasquale LL.D. (Kap 9 Artiklu 28 B)

(4) Bhala persuna sar recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 20/2/2018 u 5/6/2018 mill-Magt Dr. F. Depasquale LL.D. liema sentenza saret definita u ma tistax tigi mibdula. (Kap 9 Artiklu 49, 50)

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-8 ta' Ottubru, 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-akkuzi u l-ligi, ossia Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3), Kap 65 Artiklu 59, Kap 9 Artiklu 28 B, Kap 9 Artiklu 49, 50, sabet lill-akkuzat hati tal-ewwel tliet akkuzi migjuba kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u:

1. Fir-rigward tal-ewwel akkuza (Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3)):
   a. Immultatu multa ta' €1,200.00 liema multa ghandha tithallas retealment permezz ta' pagamenti ta' €33.33 fix-xahar. L-ewwel pagament ghandu jsir fl-1 ta' Novembru 2019, b'dan illi jekk ma jsirx il-hlas ta' xi wahda mir-rati, l-ammont shih li jkun fadal ghandu jkun dovut u jithallas minnufih u, fin-nuqqas ta' tali hlas, il-bilanc tal-ammont dovut ghandu jkun awtomatikament konvertibbli fi prigunerija minghajr il-htiega ta' ebda att gudizzjarju iehor kif ukoll
   b. Issospendietlu l-licenzja tas-sewqan ghal zmien sena b'effett minn nofs il-lejl u, ordnatlu sabiex immedjatament jghaddi l-licenzja tas-sewqan lill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta, ai termini tal-Art. 78 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18.
   c. Imponiet penali ta' sitt (6) punti fuq il-licenzja tas-sewqan tal-imputat, liema punti ghandhom jigu mnizzla fid-database kompjuterizzata mill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta. (Art. 36B u Sitt Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 tal-Ligijiet ta' Malta)

2. Fir-rigward tat-tieni akkuza (Kap 65 Artiklu 59), il-Qorti kkundannatu ghal sentenza effettiva ta' habs ghal zmien gimghatejn.
3. Fir-rigward tat-tielet akkuza ,il-Qorti ordnat li s-sentenza sospiza tal-20 ta' Frar 2018 moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta u li permezz taghha l-Qorti kienet ikkundannatu ghal sentenza ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur sospiza ghal erba' snin a tenur tal-Art. 28A tal-Kap 9, tidhol fis-sehh minnufih.
4. Fir-rigward tar-raba' akkuza , ghalkemm l-imputat wiegeb li huwa hati taghha, il-Qorti ma setghetx taccetta din l-ammissjoni stante illi ghalkemm l-imputat huwa hati tar-recidiva taht l-Artiklu 49 tal-Kap 9, huwa ma jistax jinstab hati tar-recidiva taht l-Artiklu 50 tal-Kap. 9 peress illi l-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza kien ghadu ma skadiex meta twettqu r-reati addebitati lill-hati fis-sentenza tal-lum (Kap. 9, Art. 28A (5A)). Ghalhekk il-Qorti lliberat lill-imputat minn din ir-raba' akkuza.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Neil Zammit, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Ottubru 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fejn filwaqt illi **TIKKONFERMAHA** f'dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u ghalhekk **THASSAR U TIRREVOKA** s-sentenza appellata fejn ikkundannat lill-appellant **sentenza karcerarja effettiva ta' sitt (6) xhur u gimghatejn u multa ta' elf u mitejn ewro (1200 ewro) u s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien sena minn nofs il-lejl mit-8 ta' Ottubru, 2019 u imponizjoni tal-penali ta' sitt (6) punti fuq il-licenzja tas-sewqan u TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok, timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Neil Zammit huma s-segwenti u cioè:-

**L-Ewwel Aggravju. Il-Piena Erogata.**

Illi l-appellant fit-8 ta' Ottubru, 2019 irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri fir-rigward tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u kkonferma tali ammisjoni anki wara li l-Qorti taghtu cans jerga' jahsibha. Illi fuq l-ammissjoni tal-imputat, wara illi l-Qorti regghet tat zmien lill-akkuzat jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u peress illi l-akkuzi gew sodisfacentement ippruvati sal-grad rikjest mil-ligi, sabet lill-akkuzat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Illi l-piena erogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti, fejn huwa gie kkundannat ghal **sentenza karcerarja ta' sitt (6) xhur u gimghatejn u mmultat is-somma ta' elf u mitejn ewro (1200 ewro) pagabbli fuq medda ta' sitta u tletin (36) xahar b'effett mill-1 ta' Novembru, 2019. Huwa gie skwalifikat milli jzomm il-licenzja tas-sewqan ghal sena u mponietlu penali ta' sitt (6) punti.**

Illi l-appellant jirrileva illi l-piena erogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti ghandha tinbidel ghal wahda iktar idonea u li tapplika ghal kaz in ezami. Dan ghaliex il-lum il-gurnata, l-imputat ghandu tarbija ta' ftit gimghat minn mas-siehba tieghu. Il-piena ta' prigunerija ghal **sentenza karcerarja effettiva ta' sitt (6) xhur u gimghatejn u multa ta' elf u mitejn ewro (1200 ewro)** se tkun ta' rovina totali kemm ghall-imputat innifsu u kemm ghall-persuni dipendenti finanzjarjament minnu; li huma s-siehba tieghu u t-tarbija gdida li giet fid-dinja.

L-imputat illum ghandu xoghol stabbli hafna u qed jahdem fl-industrija tax-xoghol f'Aluminium mal-kumpanija ta' Andrew Vassallo Limited li tinsab il-Gudja, Malta. Illum il-gurnata, l-imputat ghandu paga fissa u stabbli. Izjed minn hekk, l-iskwalifika milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mid-data tas-sentenza mhix se tghin lill-imputat sabiex ikompli fil-hidma tieghu tax-xoghol il-Gudja. L-imputat ghandu bzonn li jkollu l-licenzja tas-sewqan u dan ghaliex irid imur ghax-xoghol b'xi vettura ghax kif inghad irid jaqla' l-ghejxien tieghu.

Ghaldaqstant, meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, din il-piena ta' **sentenza karcerarja effettiva ta' sitt (6) xhur u gimghatejn u multa ta' elf u mitejn ewro (1200 ewro) u s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien sena minn nofsillejl mit-8 ta' Ottubru, 2019 u imponizzjoni tal-penali ta' 6 punti fuq il-licenzja tas-sewqan** hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern ghar-ragunijiet imsemmija. Illi l-imputat kellu hajja difficli hafna u ma tantx kellu ma' min jaqsam il-problemi tieghu u jitkellem fuqhom. Illi kien issuggerit lill-imputat li huwa jkollu sessjonijiet mal-Psikologu.

Illi l-appellant jirrileva illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn li l-piena ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza Il-**Pulizija vs. Stephen Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

*"Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l-iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba".*

Illi ghalhekk, wara li l-Qorti tiehu konsiderazzjoni tal-ammisjoni bikrija tal-imputat, hija ghandha tbiddel il-piena fil-kwalità taghha ta' sentenza karcerarja effettiva ta' sitt (6) xhur u gimghatejn u multa ta' elf u mitejn ewro (1200 ewro) u s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien sena minn nofsillejl mit-8 ta' Ottubru, 2019 u imponizzjoni tal-

penali ta' 6 punti fuq il-licenzja tas-sewqan (jekk din l-Onorabbli Qorti tal-Appell thoss li ghandha tinfliggi dik il-piena hekk) ghal wahda ta' **prigunerija sospensiva ghal zmien itwal minn sitt xhur u/jew certu sieghat ta' xoghol fil-komunità**.

Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghal dak li nghad hawn fuq, jekk din l-Onorabbli Qorti ssib htija fl-appellant, hija ghandha tbiddel il-piena fil-kwantità taghha u dan sabiex jinholoq bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accennat u accettat, fil-kuncett tal-gustizzja kriminali fiz-zminijiet tal-lum.

Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost l-appellant umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex **thassar il-piena ta' prigunerija effettiva ta' sitt (6) xhur u gimghatejn inflitta fuqu** u thassar ukoll **s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien sena minn nofsillejl mit-8 ta' Ottubru, 2019 u imponizzjoni tal-penali ta' 6 punti fuq il-licenzja tas-sewqan** u dan fid-dawl tal-fatt illi l-imputat illum ghandu familja xi jsostni u 'l quddiem se jkollu bzonn il-mezz tat-trasport sabiex imur ghax-xoghol. Altrimenti l-piena nflitta fuq l-imputat mill-Onorabbli Qorti tal-Prim'Istanza se isservi ta' dannu kbir ghall-appellant ghar-ragunijiet imsemmija hawn fuq.

Semghet lill-partijeit jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tas-26 ta' Novembru, 2019.

Ikkunsidrat.

Illi dan hu appell fuq kwistjoni ta' piena stante li fil-mori ta dawn il-proceduri u appuntu fis-seduta tat-8 ta Ottubru 2019 (fol. 14) l-appellant irregistra ammissjoni fuq l-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu pero l-Qorti sabitu hati ta l-ewwel tlett akkuzi waqt li illiberatu mir-raba akkuza.

Illi dan hu appell biss mill-kwantita' tal-piena karcerarja ta' sitt xhur prigunerija sospizi ghal ghall-erba' snin ai termini tal-artikolu 28A tal-kodici Kriminali u multa ta elf u mitejn euro (€1,200) erogata mill-Ewwel Qorti. Illi l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara

"**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**[1]", "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina,**[2]" **Il-Pulizija vs Emanuel Caruana**[3] u ohrajn.) Illi kif kellha okkazzjoni tghid din il-Qorti, dan il-principju japplika ugwalment kemm f' appelli li jsiru mill-persuna misjuba hatja, kif ukoll f' appelli intavolati millAvukat Generali.

Illi hu minnu bhala fatt li bħalma qalet din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jonathan Attard**[4]:

*'Issa fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra filIimiti li tippreffiġġi l-lġgi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi rresponsabilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kulI deċiżjoni dwar piena Ii lQorti tkun tista` tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx Ii din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw ,iekk ilpiena nflitta kenitx eċċessiva jew Ie. Mhuwiex normali pero', Ii tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Iiġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat."*

kif ġie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler**[5]:-

*"Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bħala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata milI-Ewwel Qorti, sakemm dik ilpiena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-każ (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti għas-sentenza tal-Ewwel Oorti) Ii jkun jinċidi b'mod partikolari fuq il-piena".*

Ikkunsidrat,

---

[1] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar -14 ta' Gunju, 1999
[2] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-24 ta' April, 2003
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-8 ta' Marzu, 2007
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (sede Superjuri) nhar l-20 ta' Marzu, 2009

Illi fir-rikors tal-appell tal-appellant jidher li hemm zball fis-sens li l-appelalnt qd jitlob lil din il_Qorti "**tirriforma** s-sentenza appellata fejn filwaqt illi **tikkonfermaha** f'dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-akkuza kollha migjuba kontra tieghu u ghalhekk **thassar u tirrevoka** s-sentenza appellate fejn ikkundannat lill-appellant sentenza karcerarja effettiva ta sitt xhur u gimghtejn u multa ta elf u mitejn euro u s-sospensjoni tal licenzja tas-ewqa ghal zmien sena minn nofs il lejl mit-8 ta Ottubru 219 u impozizzjoi tal-penali ta' sitt (6) punti fuq il-licenzja tas-sewqan u **tirriforma** is-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflokk timponi piena ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz".

Illi ghalhekk jidher minnufih li l-appellant ma indirizzax dik il-parti tas-sentenza fejn effettivament l-ewwel Qorti ma sabitux hati tar-raba' akkuza.

L-**artikolu 419 (1) tal-Kodici Kriminali** jipprovdi hekk dwar dak li ghandu jkun fih ir-rikors tal-appell:

419. (1) *Ir-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni ghall-atti gudizzjarji, ghandu jkun fih, taht piena ta' nullita' –*

*(a) il-fatti fil-qosor;*

*(b) ir-ragunijiet tal-appell;*

*(c) it-talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri.*

Il-Qorti tirrileva li permezz ta' l-ahhar emenda li saret u cioe b'Att I tas-sena 2018 il-kliem taht '*piena ta' nullita'*' gew imhasra u ghalhekk dan ifisser li minkejja li wahda minn dawn ir -rekwiziti ikun nieqes, tali nuqqas ma iwassalx ghan-nullita ta' l-att.

Ir-*raison d'etre* tal-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 419 huwa s-simplifikazzjoni u l-kjarezza. Il-legislatur evidentement irid li r-rikors ghandu jkun redatt b'tali mod li mill-ewwel ipoggi kemm lill-Qorti kif ukoll lill-appellant fil-posizzjoni li jkunu jafu ezatt x'inhuma l-fatti kollha essenzjali, minn xhiex qed jilmenta l-appellant, u x'inhu jitlob.

Illi l-appellant interpona appell mis-sentenza tal-ewwel Qorti ghaliex hassu aggravat bid-decizjoni dwar il-piena li inghata wara li ammetta l-akkuzai li inghataw fil-konfront tieghu. Mill-qari tar-rikros tal-appell jinghad bla tlaqliq li ir-rikorenti talab li ikun hemm varjazzjoni fil-piena fir-rigward tal-akkuzi li taghhom instab hati u konferma ta dik il-parti tas-sentenza fejn iddikjarat htija u fejn effettivament illiberat lill-appellant fir-rigward tar-raba akkuza.

Ghalhekk dan hu l-appell li din il-Qorti sejra tqis u cioe jekk il-piena imposta fir rigward tal-ewwel tlett akkuzia hiex eccssiva jew le fid-dawl ta dak li intqal aktar 'l fuq li l-Qorti ta' l-appell m tbiddilx piena salv jekk il piena inflitta taqa' barra il-parametri tal-ligi jew jekk hiex piena spoporzjonata meta tiqs in-natura tar-reat li tieghu instab hati.

Kif gustament irrilevat l-ewwel Qorti l-piena dwar l-ewwel akkuza li taghha l-appelant irregistra ammissjoni u li taghha instab hati timporta piena skond l-artikolu 15 (1) (a) u (3) tal-kap 65 tal-ligijiet ta' Malta "*tal-multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn sena*." Issa fil-kaz in desamina l-ewwel Qorti ghazlet il-piena minima ta multa ta elf u mitejn euro (€1,200) ghalhekk zgur li f'dan ir-rigward ma jista jkun hemm l-ebda tibdil ta piena statne li ma jesistu l-ebda ragunijeti grai u straordinarji kif kontempalt fl-artikolu 21 tal kap 9 tal-ligijiet ta Malta li jiggustifika dan it-tibdil.

Fir-rigward tat tieni akkuza u cioe li saq il-vettura meta kellu l-licenzja tas-seqan tieghu sospiza u meta kien hekk skwalifikat milli jsuq vettura l-piena applikabbli stant el-ammissjoni tal-appellant u id-dikjarazzjoni ta htija ta l-ewwel Qorti hi dik *ta priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur, jew, jekk il-qortijidhrilha, wara li tieħu kont taċ-ċirkostanzi speċjali tal-każ, illimulta tkun piena xierqa għar-reat, multa ta' mhux iżjed minnmitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94)* ai termini tal-artikolu 59 tal-kap 65 tal-ligijiet ta' Malta. Issa lewwel Qorti f'dan ir-rigward ikkundannatu ghal gimghtejn prigunerija u ghalhekk imponiet terminu ta prigunerija lejn il-minimu premess mill-ligi. Konsegwentement din il-Qorti ma hiex ser tirrofrma din il-piena.

Dwar it-tielet akkuza u cioe li kkometta reat li hu punibbli waqt il-perijodu tas sentenza sospiza mposta fuqu nhar it-2 ta' Frar, 2018 fejn kien gie kkundannat prigunerija ta' sitt xhur ghall-perijodu ta erbgha snin[6] jidher li l-ewwel Qorti irrendiet din is-sentenza in operazzjoni.

Illi ghalhekk jidehr car li l-ewwel Qorti ma applikatx xi piena lil hin mill-parametri tal0ligi u lanqas ma applikat peina lejn il-massimu preskritt mill-ligi.

Ili mill-atti ma jirrizultax ragunijiet l ghaliex din il-Qorti ghandha tbiddel il-piena oghtija mill-ewwel Qorti salv ghal dak li gie rapportat fir-rikros tal-appell tieghu li ma jikkostitwix fatt u cioe li huwa kellu trobbija dificli, ghandu familja xi isostni u ghandu bzonnil-licenzja as-sewqan tieghu beix ikun jsita isuq l-vettura tieghu biex imur ghax-xoghol. Jinghad bla tlaqliq ir responsabilita ta' familja taqa' fuq ir-rikorrenti li ghandu jkun jaf sabeix jzomm ilboghod mill-kriminalita u li jikkometti reati ta natura volontaarja. Il-fatt li huwa ghandu familja zgur mhiex xi raguni gustifikabbli sabiex ir-rikorenti ma jigix kkundannat piena ta prigunerija. Il-kwistjoni tal-kura tal-familja messu ra qabel ma kkometta ir-reat u qabel ma irregistra ammissjoni ghall-istess reat. Una volta irregistra ammissjoni kien qed ihalli lilu innifsu ghal gudizzju tal-Qorti

Dwar l-aggravju tal-appellant li m'ghandux jigi skwalifikat milli izomm licenzja tas-sewqan ghax ghandu bzonn il-vettura sabeix imur gha-xoghol, din il-Qorti ma jidhrilhiex illi dan l-ahhar ilment tal-appellant jista' jigi milqugh peress illi l-qrati taghna dejjem argumentaw illi persuna li jiddependi mis-sewqan ma jintitolahx illi jmur kontra l-ligi. Fil-kawza "**Il-Pulizija versus Paul Azzopardi**[7]" u konfermat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija Vs Mario Mifsud**[8] intqal illi l-fatt li driver ikun jiddependi mis-sewqan ghall-ghejxien tieghu ... "*ma jintitolax lil din il-Qorti li tmur kontra l-ligi espressa billi ma tapplikax l-iskwalifika mandatorja, ghax kieku kellu jsir hekk, dan ikun ifisser li min l-aktar irid joqghod attent fis-sewqan tieghu ghax ikun isuq il-hin kollu, ghandu xi immunità mill-kastig meta*

---

[6] Fol. 16
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-4 ta' Awwissu, 2006
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-2 ta' ottubru 2014.

*jinqabad isuq hazin.*" Jidher li it-termini ta sena ta skwlaifika ordnat mill-Qorti kien fil-minimu taghha certament dovut mhux ftit ghall-fatt illi l-appellant ammetta fi stadju bikri tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Dwar il-kwisstjoni tal-punti li gew impsotai fuq il-licenzja tal-appellant jinghad li apparti l-fatt li l-fedina penali tal-appellant hi wahda reflettarja konsistenti f'wiehed u ghoxrin faccata hemm diversi reati li jikkoncernaw il-ksur ta' disposizzjonijiet tal-Ordninza tat Traffiku u ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu u cioe li l-appellant qed ighaddas rasu fir-ramel billi qed jkompli jisfida l-amminsitrazzjoni tal gustizzja u isuq me ail-licenzja tas-sewqan tieghu hija sospiza ifisser li irid jkompli fil-hajja ta' reita u ghalhekk tali piena hija gusta

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti mill-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din il- Qorti tiddisturba din id-diskrezzjoni.

Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur